MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Numru 707/2010

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

Alfred Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 507265m, akkuzat talli fil-21 ta' April 2010 ghal habta ta' xi 7.15am waqt li kien fi Triq Hal Luqa, Paola:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Brian Avellino, minn Marsascala f'perikolu car, ikkagunajtlu ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha skond kif iccertifika Dr.Mario Scerri M.D – bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kap 9;
2. ikkagunajtlu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gibtlu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem – bi ksur tal-Artikolu 217 u 218 tal-Kap 9;
3. bil-hsieb li jitelfu jew tnaqqaslu l-gieh wegghattu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor – bi ksur ta' l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9;

4. volontarjament ksirt l-paci pubblika b'ghajjat u glied – bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;
5. hebbejt ghall-imsemmi Brian Avellino sabiex tinsulentah, twegghaw jew taghmillu hsara – bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9;
6. bil-kliem insulentat u heddidt lill-imsemmi Brian Avellino – bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Brian Avellino u l-familjari tieghu u tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghhom bghat l-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' sommarjament u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generalil-imputat irid iwiegeb ghas-segwenti:

i. li ikkaguna ferita gravi li ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn;
ii. li ghamel ingurji gravi;
iii. li hebb sabiex jinsulenta, iweggha jew jaghmel hsara;
iv. li indirizza kliem insulenti u ta' theddid;

ilkoll fil-konfront tal-parti offiza, Brian Avellino; oltre akkuzat li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Mill-atti jirrisulta li b'rinviju tas-7 ta' Dicembru 2012 l-Avukat Generali talab korrezzjonijiet fl-imputazjonijiet kif originarjament mahruga kontra l-imputat fosthom tal-karta ta' l-identita' tieghu. Dawn il-korrezzjoniiet saru. Izda mill-atti jemergi li t-talba tal-Avukat Generali biex tigi korretta c-citazzjoni saret sentejn u tmien xhur fuq il giet presentata c-citazzjoni b'konsegwenza li mal-qari taghha u l-konsegwenti ezami tal-imputat kienu abbundantement skorrew t-tlett xhur b'dan li kemm l-ahhar tlett imputazjonijiet ta' indole kontravenzjonali kif ukoll l-imputazzjoni numru tlieta rigwardanti l-ingurja gravi taht l-Artikolu 251(i) tal-Kap 9 waqaw perenti minhabba preskrizzjoni.

Ergo, jibqa l-ewwel imputazzjoni ossija tal-ferita gravi taht l-Artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 stante li fuq it-tieni imputazzjoni l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju ma baqax isostni fuqha.

Dwar l-incident li ta aditu ghall-akkuzi odjerni hu car li kienet rejazzjoni spontanja tal-imputat ghas-sewqan li dehrlu perikoluz da parti tal-parti leza. Jekk kellux jew le ragun li jhossu urtat mhux meritu

tal-kawza jekk mhux fil-konsiderazzjoni tal-piena stante li m'ghandux ikun hemm dubbju li kien hu li ikkawza l-ferita li biha jinsab akkuzat. Fil-konfront taghha l-Qorti ikkonstatat 'icto occuli' dak li stqarr it-tabib Mario Scerri li l-marka li kienet visibbli biss minn 'talking distance'. Ma tistax pero' tinjora l-fatt  li skond l-imsemmi tabib tista' tibqa' permanenti.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi tal-kaz tiddecidi fuq l-iskorta tal-Artikolu 214 u 216(1)(b) tal-Kap 9 li ssib l-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah tlett xhur prigunerija sospizi ghall-sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------